L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 16 ta' Mejju, 2003

**L-Unjoni maghna**

Kien hemm min sostna – specjalment dawk li, minghalihom, li jafu l-affarijiet u meta tkellimhom tinduna kemm fil-fatt ma jafu xejn – li wahda mill-vantaggi ta' l-Unjoni hi li l-politici Maltin taghna jkollhom lil min hu fuqhom u jirregolahom. Dik li bl-Ingliz jghidulha *accountability*. Mhux l-ewwel darba kelli min kien veru entuzjast li jispjegali u kwazi jibda joqmos fuq is-siggu biex "ifehimni" ghal xiex u kif qed jghid hu jew qieghda tghid hi.

Dawn it-tip ta' nies, ma' kull kelma li jghidu, tibda tinduna li ma jafux x'qeghdin jghidu, li sempliciment qeghdin jirrepetu dak li ntqalilhom minn min jaqbillu li jxerrdulu dan il-messagg, u li huma nies li, malli tghidilhom kelma lura, flok ikunu qeghdin jippruvaw jifhmuk, ikunu qeghdin jahsbu x'se jghidulek! U msieken li huma, tant narahom patetici, li nieqaf inkellimhom. Nibda nitfghalhom il-botti, imma tant ikunu mohhhom f'li qeghdin jghidu huma, li lanqas biss jintebhu bis-sottilità ta' kliemi.

Probabbilment, ghax "l-iblah taqlaghlu ghajnu u jifrah" ghax nitlaq 'l hemm u jahsbu li rebhu l-argument! Jiddispjacini nghid li dawn huma l-inqas nies li naghti kas taghhom u li niehu qatgha meta niltaqa' maghhom. Narahom ferm patetici u jekk xi hadd jahseb li hu hekk, jekk joghgbu m'ghandix hin x'nitlef mieghu!

Nemmen bis-shih, li jekk ghandi naghmel siegha nitkellem f'kazin, m'ghandix naghmilha ma' dawn it-tip ta' nies. Ma jinteressanix niskopri kemm hi profonda l-injoranza li hawn f'ras certi Maltin. Halluni almenu nkun ftit idealista u nemmen li m'ghadx baqa' nies f'dan il-pajjiz li flok mohh ghandhom *tape recorder* li johrog il-hoss, imma la jisma' u lanqas ghandu apparat li jevalwa x'sema'!

Hawn min jista' jahseb li qed inkun arroganti billi nitkellem hekk. Imma jekk jien naqra x'qed jigri fl-Unjoni gurnata b'gurnata u qattajt kemm-il siegha nistudja dwarha u qed inkun arroganti, dawn li qieghda nitkellem dwarhom ma jikkwalifikawx hlief bhala "injoranti arroganti"! U wara kollox, qatt ma mort immeri la sajjied, la bidwi u lanqas lil dak li jpoggi l-Maltin fuq ix-xoghol tieghu, u ma nippretendix li xi hadd jigi jghallimni dwar ix-xoghol tieghi u jallega li kwazi ma naf xejn.

M'ghandniex xi nghidu wkoll, li dan il-*virus* kontagjuz ta' "injoranti arroganti" jinfirex hafna bejn nies ta' twemmin Nazzjonalista (minghalihom) – cioè – dik is-sezzjoni tal-poplu li b'halqha miftuh tibla' dak li jzoqqha tal-Partit Nazzjonalista!

U ghalhekk dawk in-nies kollha li kellmuni dwar *accountability* tal-poltici taghna ghax insiru membri shah ta' l-Unjoni Ewropea, ghandi ahbar tajba! Li l-Unjoni ilha maghna! Dan fis-sens li l-Partit Nazzjonalista hu dak il-partit li ilu jopera bl-istess mentalità ta' l-Unjoni u l-attitudni tal-Partit Nazzjonalista hi l-istess bhal dik ta' l-Unjoni. Allura, jekk xi hadd jahseb li xi Ministru tal-Partit Nazzjonalista se jagixxi b'xi mod li jirrita lill-"irgiel" li hemm fl-Unjoni, nassigurah li dan m'hu xejn minnu!

Jekk trid tkun taf kif timxi l-Unjoni – b'liema irregolaritajiet, atteggjament suspettuz, nepotizmu, flus iddikjarati li allegatament jintuzaw ghal skop u jintuzaw ghal iehor, *tenders* suspettuzi, flejjes li jintuzaw biex jixtru l-imhuh tan-nies, kampanji politici li jibdew mit-tfal ta' l-iskola, mizuri li jittiehdu wara li n-nies ikunu vvotaw fl-elezzjonijiet (jigifieri meta jkun tard wisq), politici li jipprovaw jirredikolaw politici ohra ghax m'humiex ta' l-istess fehma taghhom, ecc., ecc. – hares kif qed jimxi l-Partit Nazzjonalista bhalissa!

Dan l-ahhar, qed nirrealizza kemm il-Partit Nazzjonalista gie mharreg sew fi Brussels. L-atteggjament tal-Partit Nazzjonalista hu proprju l-istess bhal dak ta' l-Unjoni. Ghalhekk iktar kemm jghaddi z-zmien iktar il-Partit Nazzjonalista jsir aktar avventuruz f'li *stunts* politici tieghu.

Ghalhekk, aktar ma jmur, juza aktar il-fondi finanzjarji tieghu milli l-argumenti politici biex jirbah l-elezzjonijiet. Ghalhekk sar aktar jappella ghall-holm tan-nies milli ghall- bzonnijiet tan-nies.

Ghalhekk sar aktar partit li jdendel il-karrotta milli joffri programm elettorali jew soluzzjonijiet.

U fil-gejjieni, iktar u iktar ghax, ghalkemm hawn min qed jahseb li se jsir aktar *accountable* il-probabbilità li nara jien, hi li, pjuttost ikollu aktar paraventi wara xiex jinheba. Iktar milli *accountability*, l-Unjoni se toffri lill-Ministri Nazzjonalisti b'tarek ta' protezzjoni ghas-semplici raguni li l-Unjoni mimlija burokrazija, il-hmar dejjem jista' jwahhal iktar f'denbu!

Hawn min jargumenta li, sahansitra l-Kunsilli Lokali offrew protezzjoni lill-Gvern Centrali ghax ic-cittadin jargumenta mal-Kunsillieri, mentri l-Ministru joqghod jixrob il-kafé fil-kwiet, fl-ufficcju tieghu.

Kif spjegajt il-gimgha l-ohra, issa, biex ic-cittadin ikun jaf min tabilhaqq jista' jaqdih, se jkollu ferm aktar fejn jimrah! Mentri qabel, l-aktar l-aktar li konna nitilghu sal-Belt inwasslu ittra b'idejna u nkellmu lin-nies responsabbli personalment, ghada pitghada se jkollna nibaghtu l-ittri sahansitra barra minn Malta. Apparti l-fatt li l-principju *"justice delayed juctice denied"* dejjem jibqa' japplika.

Din il-gimgha rnexxieli wkoll niskopri b'liema entuzjazmu jahdmu u jattendu ghas-seduti parlamentari membri tal-Parlament Ewropew. Fil-fatt, skond il-Membru Parlamentari Ewropew Ingliz, Dan Hannan, jghid li hu veramemt rari li ghal seduta minn Parlament ta' 626 ikun hemm aktar minn 30 membru prezenti – u hafna minn dawn ikunu qeghdin jattendu biss bizzejjed seduti biex ikunu jistghu jikkwalifikaw ghall-*allowances*!

Hannan jitkellem ukoll dwar l-arroganza li certi politici juzaw ma' politici ohrajn li ma jaqblux maghhom jew li ma jkollhomx il-ballun f'idejhom. Kliem arroganti bhal "Idhku! Idhku! Ma ddumux! Stennew sakemm taraw l-emendi fuq il-proposta tal-Kummissjoni!" Dan ma jissejjahx hlief *bullying* politiku!

Issa dak l-atteggjamnet u agir li l-Maltin qeghdin jindikaw bhala dak li jippretendu li jitbiddel malli Malta ssir membru shih ta' l-Unjoni m'humiex qeghdin jintebhu li hu stess atteggjament ta' l-Unjoni! Fil-fatt, iktar kemm noqorbu lejha aktar tihrax! U ghal dawk li qeghdin joholmu li l-Ministri taghna jkunu *accountable* ghax l-istituzzjonijiet Ewropej se jkunu dizgustati b'xi mod kif jimxu l-politici responsabbli Maltin, nghidilhom li huma veru msieken!

U jekk xi darba jigi korrett xi hadd – li apparentament gie korrett ghax mexa bla etika – dak probabbilment fil-verità ma jkunx gie korrett ghalhekk, imma ghax ikun rifes xi kallu ta' xi hadd ikbar minnu! Imma lin-nies aghtihom ha jibilghu! U l-Maltin digà gew ittimbrati minn Brussels bhala mzazen "*par excellence*"!

Nittama li fhimtuni!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*